MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PHILIP MANDUCA**

Seduta tat-22 ta' Gunju, 2005

Talba Numru. 967/2005

**Mobisle Communications Limited
C24655**

**Vs**

**Natasha Farrugia**

**It-Tribunal**

Ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenuta ghall-hlas ta’ erba’ mija u tmienja w erbghin lira Maltin u sebgha u tletin centezmu (Lm448.37c) rapprezentanti bilanc ta’ prezz dovut mill-istess konvenuta skond Client Contract Number 1001055 in rigward ghal servizzi lilha rezi mis-socjeta’ attrici u dana fix-xhur bejn Awissu 2004 u Novembru 2004.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-Ittra Ufficjali ta' l-1 ta' Marzu, 2005, dawk tal-Mandat ta' Sekwestru pprezentat kontestwalment ma' l-Avviz tat-talba, dawk ta' l-Ittra Ufficjali lill-banek relattiva ghall-imsemmi Mandat, u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Ra li l-konvenuta baqghet ma pprezentatx Risposta ghalkemm debitament notifikata;

Sema' lil Dr Philip Magri jikkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub ghadu ma thallasx;

Jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici bl-ispejjez u l-interessi skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------